KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fil-21 ta' Mejju 2015 [1]

Kawża C-303/13 P

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Jørgen Andersen

"Appell — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Daniżi favur l-impriża pubblika Danske Statsbaner (DSB) — Kuntratti ta' servizz pubbliku għall-provvista ta' servizzi ta' trasport ferrovjarju ta' passiġġieri bejn Kopenħagen (id-Danimarka) u Ystad (l-Isvezja) — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern taħt ċerti kundizzjonijiet — Applikazzjoni ratione temporis tar-regoli ta' dritt sostantiv"

1. B'dan l-appell, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda titlob, prinċipalment, l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea Andersen vs Il-Kummissjoni (T-92/11, EU:T:2013:143, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), fejn dik il-qorti kienet annullat parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-kuntratti ta' servizz pubbliku ta' trasport bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u d-Danske Statsbaner [2] u ċ-ċaħda tat-talba għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Sussidjarjament, il-Kummissjoni qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddikjara bħala infondat it-tielet motiv imqajjem fl-ewwel istanza u biex tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Dan l-appell jirrigwarda l-applikazzjoni *ratione temporis* tar-regoli sostantivi dwar l-għajnuna mill-Istat u juri l-kumplessità tas-suġġett. Dan iqajjem, b'mod partikolari, il-kwistjoni dwar jekk l-għajnuna mogħtija mill-Istat mhux innotifikata inkwistjoni f'dan il-każ tirrigwardax, għas-snin 2002 sal-2008, sitwazzjoni kweżita preċedentement, kif essenzjalment iddeċidietha l-Qorti Ġenerali, jew sitwazzjoni għaddejja, kif issostni l-Kummissjoni. Bl-appelli inċidentali tagħhom, Danske Statsbaner (DSB) (iktar 'il quddiem "DSB") u r-Renju tad-Danimarka jitolbu wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja li tannulla s-sentenza appellata.

I – Il-fatti li wasslu għall-kawża

2. Jørgen Andersen, jeżerċita, taħt l-isem kummerċjali Gråhundbus v/Jørgen Andersen, attivitajiet ta' trasport bil-coaches fid-Danimarka u barra minnha. B'mod partikolari, huwa jiggarantixxi rotta bejn Kopenħagen (id-Danimarka) u Ystad (l-Isvezja), konnessa b'ferry mal-gżira ta' Bornholm (id-Danimarka). DSB hija l-operatriċi ferrovjarja storika fid-Danimarka. Fid-data tal-fatti inkwistjoni, din tal-aħħar kienet tappartjeni għal kollox lill-Istat Daniż u kienet tiggarantixxi biss servizzi ta' trasport ta' passiġġieri bil-ferrovija u servizzi konnessi.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/3/UE, tal-24 ta' Frar 2010 [Għajnuna mill-Istat C 41/08 (ex NN 35/08)] (ĠU 2011, L 7, p. 1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

3. Wara l-abolizzjoni tal-monopolju ta' DSB fl-1 ta' Jannar 2000, fid-Danimarka jeżistu żewġ skemi għall-provvista ta' servizzi ta' trasport ferrovjarju ta' passiġġieri, jiġifieri, it-traffiku liberu, li jiġi operat fuq bażi kummerċjali u t-traffiku ta' servizz pubbliku, irregolat minn kuntratti ta' servizz pubbliku li jista' jipprevedi l-ħlas ta' kumpens għar-rotot operati.

4. Matul il-perijodu ta' bejn is-sena 2000 u s-sena 2004, DSB bbenefikat minn kuntratt ta' servizz pubbliku ta' trasport fir-rigward tal-linji ta' distanza twila u dawk reġjonali. Mill-15 ta' Diċembru 2002, dak il-kuntratt kien jirrigwarda wkoll ir-rotta bejn Kopenħagen u Ystad li, qabel, kienet suġġetta għal skema ta' traffiku liberu. Għall-perijodu ta' bejn is-sena 2005 u s-sena 2014, DSB ibbenefikat minn kuntratt ġdid ta' servizz pubbliku ta' trasport fir-rigward tal-linji ta' distanza twila u l-linji reġjonali kif ukoll rotot internazzjonali mal-Ġermanja u r-rotta bejn Kopenħagen u Ystad.

5. Wara żewġ ilmenti, fosthom dak ta' J. Andersen, kontra l-kuntratti ta' servizz pubbliku li minnhom kienet tibbenefika DSB, il-Kummissjoni ddeċidiet, fl-10 ta' Settembru 2008, li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali prevista mill-Artikolu 88(2) KE (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ftuħ"). Wara din il-proċedura, hija adottat, fl-24 ta' Frar 2010, id-deċiżjoni kkontestata, fejn l-Artikolu 1 tagħha jgħid hekk:

"Il-kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u [DSB] jinvolvu għajnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 107(1) [TFUE].

Din l-għajnuna mill-Istat hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 93 [TFUE] [sa fejn huma rrispettati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 u 3 ta' din id-deċiżjoni]."

II – **Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata**

6. Biex isostni r-rikors għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata, J. Andersen qajjem tliet motivi bbażati, l-ewwel wieħed, fuq żball ta' liġi billi l-Kummissjoni kkunsidrat li l-Gvern Daniż ma kienx wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta kklassifika r-rotta Kopenħagen-Ystad bħala servizz pubbliku u inkludih fil-mekkaniżmu tal-kuntratti ta' servizz pubbliku, it-tieni wieħed, fuq żball ta' liġi billi l-Kummissjoni ma ordnatx l-irkupru tal-kumpens eċċessiv inkompatibbli li rriżulta mid-dividendi mħallsin minn DSB lill-azzjonisti tagħha, l-Istat Daniż u, it-tielet wieħed, fuq żball ta' liġi billi l-Kummissjoni applikat ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 [3], allegatament inapplikabbli *ratione temporis*, minflok ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 [4], allegatament applikabbli *ratione temporis*. Il-Qorti Ġenerali laqgħet it-tielet motiv, għaldaqstant, annullat it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1, tad-deċiżjoni kkontestata.

III – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

7. B'digriet tat-3 ta' April 2014, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja aċċetta l-intervent ta' Dansk Tog, assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Daniż stabbilita f'Kopenħagen, insostenn tat-talbiet ta' J. Andersen. Waqt is-seduta li saret fl-10 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni, J. Andersen, Dansk Tog, ir-Renju tad-Danimarka kif ukoll DSB ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom (dawn iż-żewġ partijiet tal-aħħar kienu intervjenew ukoll quddiem il-Qorti Ġenerali insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni).

3 — Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, p. 1).

4 — Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69, tas-26 ta' Ġunju 1969, dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 19).

IV – **Evalwazzjoni**

A – *Fuq l-appell tal-Kummissjoni*

8. Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li DSB u l-Gvern Daniż għamlu żewġ noti identiċi, tal-ewwel taħt it-titolu "risposta" u tat-tieni taħt it-titolu "appell inċidentali". Fid-dawl tal-fatt li dawn in-noti kollha jitolbu l-annullament tas-sentenza appellata, għandu jitqies li r-risposti huma inammissibbli, billi ma jitolbux, kif jimponi l-Artikolu 174 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jintlaqa' jew li jinċaħad l-appell. L-argumenti mressqa minn DSB u l-Gvern Daniż għalhekk jidħlu biss fit-taqsimiet li jirrigwardaw l-appelli inċidentali rispettivi tagħhom.

1. Sinteżi tal-argumenti tal-partijiet

9. Il-Kummissjoni tqis li l-evalwazzjoni tal-għajnuna inkwistjoni fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1370/2007 ma kinitx tfisser applikazzjoni retroattiva ta' dak ir-regolament, imma kienet tikkonforma mal-prinċipju ta' applikazzjoni immedjata.

10. J. Andersen essenzjalment jikkunsidra li, fil-prinċipju, ir-regoli tad-dritt ma japplikawx retroattivament, imma li l-leġiżlatur jista', b'eċċezzjoni, jagħti effett retroattiv lil att ġuridiku. Għajnuna bħal dik inkwistjoni hija intiża biex tissussidja ż-żamma ta' attività partikolari li, fin-nuqqas tal-għajnuna, issofri telf u għalhekk, probabbilment tiġi abbandunata. Issa, f'dawn il-kundizzjonijiet, ir-regola l-iktar adattata tkun dik li kienet applikabbli fil-mument meta l-għajnuna kienet tħallset u pproduċiet l-effetti tagħha fuq il-kompetizzjoni (li jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza fuq l-għajnuna illegali).

11. Dansk Tog tikkunsidra li l-applikazzjoni tad-dritt *ratione temporis* għandha, għax inkella tkun arbitrarja, tiġi ddeterminata skont l-uniku fattur oġġettiv, jiġifieri l-mument meta l-għajnuna tingħata u tipproduċi l-effetti tagħha fis-suq. Il-kriterju propost mill-Kummissjoni jagħtiha l-possibbiltà li tiddeċiedi arbitrarjament il-liġi applikabbli billi tħaffef jew iddewwem id-deċiżjoni tagħha. Barra minn hekk, Dansk Tog ma hijiex konvinta li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1191/69 kien ikollha l-istess riżultat bħal dik tar-Regolament Nru 1370/2007.

2. Analiżi

a) Ġurisprudenza dwar l-applikazzjoni *ratione temporis* ta' regoli sostantivi

12. L-ewwel nett, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn ir-retroattività ("echte Rückwirkung")[5] u l-applikazzjoni immedjata ("unechte Rückwirkung").

13. Wara, hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn, minn naħa, l-applikazzjoni ta' regola ġdida b'effetti fil-futur ta' sitwazzjoni maħluqa taħt ir-regola ta' qabel (sitwazzjoni provviżorja)[6] u, min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni ta' din ir-regola għal sitwazzjoni li tkun ġiet kweżita b'mod definittiv taħt ir-regola ta' qabel (sitwazzjoni eżistenti).

5 — Applikazzjoni retroattiva tista' tmur kontra l-prinċipji ġenerali ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali. Għal dak li jirrigwarda din tal-aħħar, ara Skouris, V., "La sécurité juridique dans l'ordre juridique communautaire", f'*Mélanges Michael P. Stathopoulos (Timitikos tomos Mich. P. Stathopoulou)*, tome II, Athènes-Komotini, 2010, p. 2507. Ara, f'dan il-kuntest, b'mod partikolari, Lipinsky, J., Man of Steel? The General Court and the Principle of Legal Certainty: Annotation on the Judgment in Case T-308/00 RENV, Salzgitter AG, European State Aid Quarterly, 2/2014, p. 368.

6 — L-espressjoni "sitwazzjoni provviżorja" hija użata b'mod partikolari fis-sentenza Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-176/01, EU:T:2004:336, punt 139), biex issir differenza bejn iż-żewġ sitwazzjonijiet. Il-kliem "sitwazzjoni provviżorja" jista' jintuża wkoll biex jindika l-kuntrarju tas-sitwazzjoni "kweżita qabel".

14. Il-Qorti tal-Ġustizzja ilha ħafna tikkunsidra li "skont prinċipju rrikonoxxut ġeneralment, il-liġijiet li jemendaw dispożizzjoni leġiżlattiva japplikaw, sakemm ma jiġix ipprovdut mod ieħor, għal effetti fil-futur ta' sitwazzjonijiet li jkunu nħolqu taħt il-liġi ta' qabel" [7]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

15. Barra minn dan, "għandu jitfakkar li għalkemm il-prinċipju ta' aspettattiva leġittima qiegħed fost il-prinċipji fundamentali tal-Komunità, hija ġurisprudenza stabbilita li dan il-prinċipju ma għandux jiġi estiż sal-punt li jipprekludi, b'mod ġenerali, regolamentazzjoni ġdida milli tiġi applikata għall-effetti fil-futur ta' sitwazzjonijiet maħluqa taħt ir-regolamentazzjoni preċedenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Butterfly Music, C-60/98, EU:C:1999:333, punt 25).

16. Bħala eżempju ta' "sitwazzjoni provviżorja", ser niċċita l-fatti fil-kawża li wasslu għas-sentenza Gemeinde Altrip *et* (C-72/12, EU:C:2013:712, punt 22), li kienet tirrigwarda studju ta' evalwazzjoni tal-impatt ambjentali. L-awtoritajiet kienu bdew dan l-istudju taħt regoli preċedenti, imma d-dritt tal-Unjoni kien ta lill-organizzazzjonijiet mhux governattiv (NGOs) dritt ġdid li jikkontestaw dan it-tip ta' studju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-regola l-ġdida kienet tapplika immedjatament għas-sitwazzjoni kkonċernata.

17. Bħala eżempju ieħor ta' "sitwazzjoni provviżorja", jiena nista' nirreferi wkoll għall-fatti li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ġiet adita bihom fis-sentenza Bauche u Delquignies (96/77, EU:C:1978:26) [8], li kienet tirrigwarda kuntratti konklużi fis-settur taz-zokkor taħt regola preċedenti. Sabiex tkun tista' tesporta z-zokkor, il-kumpannija kellha bżonn ta' liċenzja ta' esportazzjoni li ma setgħetx tinħareġ ħlief fil-kuntest tar-regola l-ġdida. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kellha tiġi applikata r-regola l-ġdida, anki jekk il-kuntratti inkwistjoni kienu ġew konklużi taħt ir-regola preċedenti.

18. Min-naħa l-oħra, għas-"sitwazzjonijiet eżistenti" jew, biex nużaw il-kliem tal-Qorti tal-Ġustizzja, "[is-]sitwazzjoni[jiet] ġuridi[ċi] maħluqa definittivament" (sentenza Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen, C-334/07 P, EU:C:2008:709, punt 53), il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li "r-regoli Komunitarji ta' dritt sostantiv għandhom ikunu interpretati, sabiex jiggarantixxu l-osservanza tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi, bħala li ma jirrigwardawx sitwazzjonijiet kweżiti qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ ħlief fejn jirriżulta ċar minn kliemhom, l-għanijiet jew is-sinjifikat tagħhom, li tali effett għandu jiġi attribwit lilhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (sentenza GruSa Fleisch, C-34/92, EU:C:1993:317, punt 22).

19. Bħala eżempju ta' "sitwazzjoni eżistenti", matul is-seduta, il-Kummissjoni ċċitat ir-reġistrazzjoni ta' trade mark. Fil-fatt, il-mument ta' din id-deċiżjoni ta' korp tal-Unjoni (ara s-sentenza Bavaria, C-120/08, EU:C:2010:798) jistabbilixxi definittivament is-sitwazzjoni ġuridika maħluqa minn dak l-att tal-Unjoni. L-istess jgħodd għal deċiżjoni tal-iffissar ta' taxxa doganali mill-awtoritajiet kompetenti, li fil-każ tas-sentenza Molenbergnatie (C-201/04, EU:C:2006:136) kienet id-dwana Ġermaniża.

20. Kif irrileva l-Avukat Ġenerali Cosmas fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Andersson u Wåkerås-Andersson (C-321/97, EU:C:1999:9, punt 58), "wieħed għandu jfittex kull darba l-mument meta s-sitwazzjoni ġuridika tkun stabbilita b'mod definittiv, għaliex hemmhekk hemm il-kriterju għall-għażla tar-regola ta' dritt applikabbli. F'dan ir-rigward, ma huwiex mingħajr importanza li tiġi eżaminata d-dimensjoni temporali tas-sitwazzjonijiet ġuridiċi u, b'mod partikolari, li ssir id-distinzjoni bejn sitwazzjoni temporanja u sitwazzjoni li ddum. Fl-ewwel każ, is-sitwazzjoni hija stabbilita fil-mument stess fejn hija tiġri, b'mod li jkun faċli ħafna li tiġi ddeterminata r-regola applikabbli.

7 — Sentenza Westzucker, 1/73, EU:C:1973:78. Dan minkejja li l-Avukat Ġenerali Roemer kien ikkunsidra fil-konklużjonijiet tiegħu għal din il-kawża li "ma jeżisti l-ebda prinċipju ġenerali li jgħid li d-dispożizzjonijiet li jemendaw id-dritt pubbliku għandhom japplikaw fil-prinċipju immedjatament għal sitwazzjonijiet li għadhom ma humiex stabbiliti b'mod definittiv; anki fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espliċita f'dan is-sens" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ara l-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Westzucker, 1/73, EU:C:1973:61, p. 737). Ara wkoll is-sentenzi Singer, imsejħa "Hessische Knappschaft" (44/65, EU:C:1965:122, p. 1200) u Licata vs CES (270/84, EU:C:1986:304, punt 31).

8 — Ara, ukoll, is-sentenzi Duchon (C-290/00, EU:C:2002:234, punti 21 *et seq*) kif ukoll Balazs (C-401/13 u C-432/13, EU:C:2015:26, punti 30 *et seq*).

Fit-tieni każ, jgħaddi ċertu ammont ta' żmien bejn meta tinħoloq u meta tiġi stabbilita s-sitwazzjoni; fl-intervall, jista' jkunu saru emendi għad-dritt pożittiv, li jista' jwassal għal għażla żbaljata tal-bażi legali. Fi kwalunkwe każ, l-importanti hu, kif indikajt, li tinstab ir-regola fis-seħħ fil-mument meta s-sitwazzjoni legali tikseb natura definittiva". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

b) Applikazzjoni għall-għajnuna mill-Istat

21. L-aħħar sentenza tal-Artikolu 88(3) KE [li saret l-aħħar sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE], "hija bbażata fuq l-għan ta' konservazzjoni li jiġi ggarantit li għajnuna li mhijiex kompatibbli qatt ma tiġi implementata. Dan l-għan jintlaħaq inizjalment, b'mod temporanju, permezz tal-projbizzjoni li hija tistabbilixxi, u, imbagħad, b'mod definittiv, permezz tad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni, li, meta tkun negattiva, tostakola fil-ġejjieni l-implementazzjoni tal-proġett ta' għajnuna nnotifikata" (sentenza CELF u Ministre de la Culture et de la Communication, C-199/06, EU:C:2008:79, punt 47). Għalhekk, skont il-punt 48 tal-istess sentenza, "il-prevenzjoni organizzata b'dan il-mod hija intiża sabiex biss l-għajnuna kompatibbli tiġi implementata. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-implementazzjoni ta' proġett ta' għajnuna tiġi sospiża sakemm id-dubbji fuq il-kompatibbiltà tiegħu jitneħħew permezz tad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni".

22. Bl-istess mod, minħabba l-projbizzjoni tal-implementazzjoni tat-tielet sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE, meta l-miżuri ta' għajnuna nazzjonali jiksru dik il-projbizzjoni, dan ikollu bħala konsegwenza legali l-illegalità tagħhom (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Residex Capital IV, C-275/10, EU:C:2011:814, punt 28).

23. Barra minn hekk "[b]il-periklu li jiġi ppreġudikat l-effett dirett ta' l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 88(3) KE u li ma jiġux rispettati l-interessi ta' l-individwi li l-qrati nazzjonali għandhom id-dover li jħarsu, deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna mhux notifikata kompatibbli mas-suq komuni m'għandhiex l-effett li tirregolarizza, *a posteriori* , l-atti ta' implementazzjoni li huma invalidi minħabba li ġew adottati bi ksur tal-projbizzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni. Kull interpretazzjoni oħra twassal biex tiffavorixxi n-nuqqas ta' osservanza ta' l-imsemmija dispożizzjoni mill-Istat Membru kkonċernat u ċċaħħadha mill-effett utli tagħha" u "jekk, fil-kuntest ta' proġett ta' għajnuna, kompatibbli jew le mas-suq komuni, il-fatt li ma jiġix osservat l-Artikolu 88(3) KE ma jġib miegħu ebda riskju jew piena ikbar mill-osservanza ta' din l-istess dispożizzjoni, l-inċentiv ta' l-Istati Membri li jinnotifikaw u li jistennew deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà jiġi konsiderevolment imnaqqas, u konsegwentement dan japplika wkoll għall-portata tal-kontroll tal-Kummissjoni" (sentenza Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, EU:C:2006:644, punti 41 u 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24. Kif sostniet il-Kummissjoni, għalkemm, anki fir-rispett tar-regoli u bin-notifika fil-ħin dovut tal-proġetti tiegħu li jagħti għajnuna, Stat Membru ma jistax jippretendi li jistabbilixxi l-qafas li bis-saħħa tiegħu jiġu evalwati l-proġetti tiegħu, kif jista' jilħaq riżultat bħal dak meta jinjora dawk ir-regoli u meta jimplementa l-għajnuna qabel ma jinnotifika lill-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni tagħha minn qabel? Fil-fatt, skont prinċipju stabbilit u loġiku ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat, Stat Membru li jaġixxi bi ksur tal-obbligi ta' notifika u ta' sospensjoni imposti mill-Artikolu 108(3) TFUE, ma għandux jiġi ttrattat b'mod iktar favorevoli minn Stat Membru li josserva dawn l-obbligi [9].

25. Barra minn hekk, għalkemm il-qrati nazzjonali ma humiex awtorizzati li jiddeċiedu dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2) u (3) TFUE billi din l-evalwazzjoni finali qiegħda fil-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Residex Capital IV C-275/10, EU:C:2011:814, punt 27), l-istess ma japplikax għall-projbizzjoni tal-implementazzjoni tat-tielet sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE. Fil-fatt din hija

9 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni (C-301/87, EU:C:1990:67, punt 11) kif ukoll Regione autonoma della Sardegna *et* vs Il-Kummissjoni (T-394/08, T-408/08, T-453/08 u T-454/08, EU:T:2011:493, punt 91).

applikabbli minnufih (sentenza Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, EU:C:2006:644, punt 41). Huwa għalhekk li l-qorti nazzjonali hija obbligata, pereżempju, li tordna lill-benefiċjarji jirrimborsaw għajnuna illegali (sentenza Residex Capital IV, C-275/10, EU:C:2011:814, punti 33 sa 36). Għaldaqstant, il-projbizzjoni tal-implementazzjoni tista' ġġib magħha konsegwenzi negattivi għall-individwu, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kultant enfasizzat fil-ġurisprudenza tagħha li l-qrati nazzjonali għandhom "jiggarantixxu" lill-partijiet li jkun hemm il-konsegwenzi kollha għal ksur tal-projbizzjoni tal-implementazzjoni [10].

26. Madankollu, il-qrati nazzjonali għandhom josservaw, b'mod ġenerali u komplet, il-projbizzjoni tal-implementazzjoni (sentenza Residex Capital IV, C-275/10, EU:C:2011:814, punt 29) u, meta jsir hekk, jieħdu kompletament inkunsiderazzjoni l-interess tal-Unjoni (sentenza Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, EU:C:2006:644, punt 48). Huwa għalhekk li l-qorti nazzjonali mhux biss trid tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet individwali, imma wkoll tagħmel minn kollox biex tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-implementazzjoni prevista fit-tielet sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE [11]. Jista' jkun possibbli li jkun hemm ħtieġa li ssir ukoll oġġezzjoni għall-projbizzjoni tal-implementazzjoni ta' talba intiża biex testendi r-rikors lejn għajnuna mhux innotifikata, sabiex jiġi evitat li jiġi estiż iċ-ċirku tal-benefiċjarji ta' għajnuna illegali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, EU:C:2006:644, punt 49).

27. Fil-fatt, in-"notifika ta' għajnuna mill-Istat hija element ċentrali tas-sistema Komunitarja tal-kontroll tagħha u [...] l-impriżi li jibbenefikaw minn din l-għajnuna ma jistgħux jibbażaw ruħhom fuq aspettattiva leġittima fir-rigward tar-regolarità tagħha jekk din ma kinitx ingħatat b'osservanza ta' din il-proċedura" (sentenza Il-Kummissjoni vs Salzgitter, C-408/04 P, EU:C:2008:236, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28. Bħala konklużjoni, għalkemm huwa veru li, skont il-ġurisprudenza [12], limiti fuq l-applikazzjoni immedjata tar-regoli sostantivi huma intiżi biex jissalvagwardaw il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi, dawn il-limiti ma japplikawx fir-rigward tal-għajnuna illegali (jew tal-għajnuna nnotifikata sal-mument meta l-Kummissjoni tawtorizzaha). Fis-sistema u l-loġika tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat, is-sitwazzjoni ma hijiex manifestament definita immedjatament u definittivament min-notifika jew l-għoti tal-għajnuna, imma tibqa' miftuħa sa deċiżjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

29. Fil-fatt, għajnuna illegali ma tistax titqies li hija miksuba b'mod definittiv u, għaldaqstant, hija ma tikkostitwixxix sitwazzjoni eżistenti, imma sitwazzjoni provviżorja għaliex il-Kummissjoni hija l-uniku korp kompetenti biex tiddeċiedi dwar il-legalità jew l-illegalità tal-miżura nazzjonali inkwistjoni, li għalhekk ma setgħetx toħloq "sitwazzjoni legali definittivament stabbilita" qabel id-deċiżjoni tal-Kummissjoni [13].

30. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-għajnuna nnotifikata tikkonferma din il-konklużjoni.

10 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Adria-Wien Pipeline et Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke (C-143/99, EU:C:2001:598, punt 27).

11 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Presidente del Consiglio dei Ministri (C-169/08, EU:C:2009:420, punti 119 sa 122).

12 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi CNTA vs Il-Kummissjoni (74/74, EU:C:1975:59, punti 33 sa 43); Meridionale Industria Salumi *et* (212/80 sa 217/80, EU:C:1981:270); Sofrimport vs Il-Kummissjoni (C-152/88, EU:C:1990:259, punti 16 u 17); kif ukoll Driessen *et* (C-13/92 sa C-16/92, EU:C:1993:828, punti 30 sa 35).

13 — Anki qabel id-deċiżjoni tal-qrati tal-Unjoni jekk huma jiġu aditi bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-konformità mal-proċedura stabbilita mit-Trattat għandha tkun element determinanti biex jiġi deċiż jekk sitwazzjoni hijiex definittivament stabbilita (sitwazzjoni eżistenti) jew jekk hija għadhiex miftuħa u suġġetta għal bidliet leġiżlattivi (sitwazzjoni provviżorja). Ara Di Bucci, V., u Stobiecka, A., "The Temporal Application of the State Aid Rules" (L-applikazzjoni *ratione temporis* tar-Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat) f'*EC State Aid Law – Le droit des aides d'État dans la CE – Liber Amicorum Francisco Santaolalla Gadea*, Alphen an den Rijn, Kluwer Law International, 2008, p. 319. Ara wkoll p. 318 "even a national principle of *res judicata* cannot prevent the recovery of State aid granted in breach of Community law" (ara s-sentenza Lucchini, C-119/05, EU:C:2007:434).

31. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punti 51 u 52 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen (C-334/07 P, EU:C:2008:709), li l-Kummissjoni tista' tapplika regola ġdida għan-notifiki kollha ta' għajnuna mill-Istat pendenti, inklużi fil-każijiet fejn in-notifika kienet saret qabel il-pubblikazzjoni ta' din ir-regola ġdida. Fil-fatt il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-regoli, il-prinċipji u l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat fis-seħħ fid-data meta l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar il-kompatibbiltà *jistgħu, fil-prinċipju, jiġu kkunsidrati bħala l-iktar adatti fil-kuntest kompetittiv* u li n-notifika tal-proġetti ta' għajnuna hija biss obbligu proċedurali li *ma jistax ikollu bħala effett li tistabbilixxi l-iskema legali applikabbli għall-għajnuna* li hija s-suġġett tagħha. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *n-notifika minn Stat Membru ta' għajnuna ma toħloqx sitwazzjoni legali definittiva kważita*. F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li, f'din il-kawża, bl-istess mod, fil-fehma tiegħi, ir-regoli applikabbli, mill-Kummissjoni (ir-Regolament Nru 1370/2007) jistgħu "jiġu kkunsidrati bħala l-iktar adatti fil-kuntest kompetittiv" u, barra minn hekk, il-fatt li Stat Membru jiddeċiedi li jagħti għajnuna illegali (mingħajr ma jinnotifikaha) "ma jistax ikollha bħala effett li tistabbilixxi l-iskema legali applikabbli għall-għajnuna li hija s-suġġett tagħha". Fil-fatt, wieħed ma jistax jeskludi li għajnuna mħallsa anki għaxar snin qabel tista' tibqa' taffettwa l-kompetizzjoni llum. Dan ikun il-każ, pereżempju, ta' għajnuna perjodika għall-funzjonament (bħal f'dan il-każ), peress li għajnuna bħal dik tista' twassal għal għajbien definittiv mis-suq ta' kompetitur. Issa, effetti persistenti bħal dawk fuq il-kompetizzjoni huma, fil-prinċipju, mifhuma aħjar mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-mument meta l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni tagħha.

32. Wara, fil-punt 53 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[k]onsegwentement, in-notifika minn Stat Membru ta' għajnuna jew ta' skema ta' proġett ta' għajnuna *ma toħloqx sitwazzjoni ġuridika maħluqa definittivament* li timplika li l-Kummissjoni tiddeċiedi fuq il-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni billi tapplika r-regoli fis-seħħ fid-data li fiha ssir in-notifika. Bil-kontra, hija l-Kummissjoni li għandha tapplika r-regoli fis-seħħ fil-mument meta hija tagħti d-deċiżjoni tagħha, l-uniċi regoli li abbażi tagħhom għandha tiġi evalwata l-legalità tad-deċiżjoni li hija tadotta f'dan ir-rigward" (enfasi miżjuda minni). Mill-ġdid, jiena tal-fehma li f'din il-kawża wkoll, il-Kummissjoni kellha tapplika r-regoli fis-seħħ fil-mument meta hija kienet qed tiddeċiedi (ir-Regolament Nru 1370/2007 u mhux ir-Regolament Nru 1191/69).

33. Fl-aħħar nett, fil-punt 54 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen (C-334/07 P, EU:C:2008:709) il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet "[k]untrarjament għal dak li jsostni l-Freistaat Sachsen, din is-soluzzjoni mhijiex ta' natura li tħeġġeġ lill-Istati Membri li jimplementaw immedjatament l-għajnuna li huma jippjanaw mingħajr ma jinnotifikawha, sabiex jibbenefikaw minn skema legali fis-seħħ fil-mument ta' din l-implementazzjoni. Fil-fatt, *anke jekk jitqies li l-kompatibbiltà ta' għajnuna illegali mas-suq komuni hija evalwata fil-każijiet kollha fid-data li fiha tingħata, huwa ferm diffiċli għall-Istati Membri li jantiċipaw fid-dettall il-bidliet kollha għar-regoli*. Barra minn hekk, l-għoti ta' għajnuna illegali tista' tesponi l-Istat Membru li taha għall-obbligu li jirkupraha kif ukoll għall-obbligu li jagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat minħabba l-illegalità ta' din l-għajnuna" (enfasi miżjuda minni). Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja ħalliet miftuħa l-kwistjoni jekk għajnuna illegali għandhiex tiġi evalwata skont ir-regoli fis-seħħ fid-data meta din tkun ingħatat billi l-kawża inkwistjoni tirrigwarda l-applikazzjoni *ratione temporis* tar-regoli għall-għajnuna nnotifikata.

34. Wara li ntqal dan, naħseb li jgħoddu *a fortiori* għal għajnuna mhux innotifikata (illegali) l-argumenti tal-Qorti tal-Ġustizzja biex jiġi ġġustifikat li għajnuna nnotifikata tiġi evalwata skont ir-regoli applikabbli fil-mument tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni u mhux fil-mument tan-notifika. Kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 45 tal-istess sentenza, "[i]n-notifika tal-proġetti ta' għajnuna mill-Istat, prevista fl-Artikolu 88(3) KE, tikkostitwixxi element ċentrali tas-sistema Komunitarja ta' kontroll ta' din l-għajnuna u l-impriżi li jibbenefikaw minnha ma jistgħux jibbażaw ruħhom fuq aspettattivi leġittimi fir-rigward tar-regolarità tagħha jekk din ma ngħatatx b'osservanza ta' din il-proċedura". Għalhekk, hija l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-legalità ta' għajnuna li tiddetermina l-konsegwenzi legali attwali tal-ġrajjiet li jkunu seħħew, partikolarment l-għoti tal-għajnuna mingħajr

notifika minn qabel [14].

35. Barra minn hekk, ma kinitx biss il-Kummissjoni — li ddeċidiet li r-Regolament Nru 1370/2007 kien jikkostitwixxi l-bażi legali xierqa sabiex tiġi evalwata l-għajnuna mhux innotifikata mogħtija qabel it-3 ta' Diċembru 2009 [15] — imma anki l-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA li ssegwi dan l-approċċ [16].

c) Klassifikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna inkwistjoni

36. Il-partijiet jaqblu li għall-għajnuna nnotifikata u li għadha ma tħallsitx (proġetti ta' għajnuna), il-liġi applikabbli għall-eżami li għandha tagħmel il-Kummissjoni hija esklużivament dik fis-seħħ fil-mument meta din tal-aħħar tieħu d-deċiżjoni tagħha. Din il-kwistjoni ġiet deċiża definittivament fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen (C-334/07 P, EU:C:2008:709, punti 50 sa 52).

37. F'din il-kawża, huwa stabbilit li l-miżuri kkontestati jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat u li din l-għajnuna kienet tħallset mill-Gvern Daniż lil DSB mingħajr ma saret notifika lill-Kummissjoni. Iżda l-Gvern Daniż u DSB jinsistu fuq il-legalità ta' dan il-ħlas billi, skont huma, il-miżuri kkontestati kienu jikkonformaw mal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1191/69, u, għaldaqstant, kienu eżentati, skont l-Artikolu 17(2) ta' dan ir-regolament, mill-obbligu ta' notifika.

38. Huwa veru li, fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni ma ħaditx espliċitament pożizzjoni fuq il-legalità ta' dawn il-ħlasijiet ta' għajnuna mhux innotifikati (u lanqas, barra minn hekk, is-sentenza appellata).

39. Wara mistoqsija li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet lill-Kummissjoni fis-seduta, din tal-aħħar spjegat li għalkemm, kif tallega DSB, l-għajnuna kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni skont il-kategorija bis-saħħa tar-Regolament Nru 1191/69 ta' qabel, hija ma kinitx tkun kompetenti sabiex tadotta d-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk, meta adottat id-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni *impliċitament* qieset li l-għajnuna kienet illegali. Hija ma kklassifikathiex espliċitament bħala "illegali" fuq talba tal-Gvern Daniż li, kif ikkonferma waqt is-seduta, ried jevita l-ħlas eventwali ta' interessi mill-ferroviji Daniżi skont il-ġurisprudenza CELF u Ministre de la Culture et de la Communication (C-199/06, EU:C:2008:79).

40. Skont il-Kummissjoni, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gvern Daniż li seta' jattakka lill-Kummissjoni għal nuqqas ta' kompetenza, ma għamilx dan. Fil-fehma tiegħi, u b'mod iktar konvinċenti, il-Kummissjoni tenfasizza li l-Gvern Daniż kien impenja ruħu lejha li jagħmel korrezzjoni għall-kumpens żejjed, li fin-nuqqas tagħha, il-Kummissjoni ma kinitx tawtorizza l-għajnuna inkwistjoni. Fi kliem ieħor, il-Gvern Daniż ma setax jagħti dan l-impenn mingħajr ma jammetti li l-għajnuna ma kinitx is-suġġett ta' eżenzjoni skont il-kategorija.

14 — Ara Maxian Rusche, T., u Schmidt, S., The post-Altmark Era Has Started: 15 Months of Application of Regulation (EC) No. 1370/2007 to Public Transport Services, *European State Aid Law Quarterly*, 2/2011, p. 262.

15 — Ara d-deċiżjoni kkontestata, imma anki d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/501/UE, tat-23 ta' Frar 2011 dwar għajnuna mill-Istat C 58/06 (ex NN 98/05) implimentata mill-Ġermanja għal Bahnen der Stadt Mohnheim (BSM) u Rheinische Bahngesellschaft (RBG) fl-assoċjazzjoni tat-trasport ta' Rhein-Ruhr (ĠU L 210, p. 1).

16 — EFTA Surveillance Authority Deċiżjoni 254/10/COL tal-21 ta' Ġunju 2010 dwar AS Oslo, AS Oslo Sporveier u AS Sporveisbussene. Din id-deċiżjoni kienet ġiet ikkontestata fuq punt differenti fil-kawża E-14/10, konkurrenten.no/EFTA Surveillance Authority. Skont T. Maxian Rusche u S. Schmidt, *op. cit.*, p. 262, kien hemm f'dak iż-żmien tliet investigazzjonijiet oħrajn miftuħin mill-Kummissjoni li kienu għaddejjin u kienu nfetħu fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1191/69 imma li kienu ser jiġu deċiżi fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1370/2007, jiġifieri, id-Deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2007, Ġermanja – Emsland, C 54/2007; Deċiżjoni Għajnuna mill-Istat – Ġermanja – Għajnuniet mill-Istat C 47/07 (ex NN 22/05) – Kuntratt ta' Servizz Pubbliku bejn Deutsche Bahn Regio u l-Länder ta' Berlin u Brandebourg – Stedina biex jitressqu kummenti skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE (ĠU 2008 C 35 p. 13) u d-deċiżjoni tas-16 ta' April 2008, Repubblika Ċeka – C 17/2008, Usti nad Labem.

d) Is-sentenza appellata

41. L-ewwel nett nosserva li, fid-dawl tal-importanza u l-kumplessità tas-suġġett, is-sentenza appellata hija lakonika ħafna (l-analiżi qiegħda biss fil-punti 34 sa 58), tibbaża l-kwistjoni deċiżiva fuq żewġ sentenzi biss tal-Qorti Ġenerali [17], li fuq kollox tpoġġa dubju fuqhom fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [18] u ma tispjegax kif Stat Membru, meta jikser l-Artikolu 108(3) TFUE, joħloq sitwazzjoni legalment maħluqa b'mod definittiv fid-dritt tal-Unjoni.

42. Fis-sentenza appellata (punt 40), il-Qorti Ġenerali, b'riferiment għas-sentenza SIDE vs Il-Kummissjoni (T-348/04, EU:T:2008:109), iddeċidiet li "fir-rigward ta' għajnuna mħallsa mingħajr ma ġiet innotifikata, ir-regoli tad-dritt sostantiv applikabbli huma dawk fis-seħħ fil-mument meta l-għajnuna tħallset, peress li l-vantaġġi u l-iżvantaġġi maħluqa b'għajnuna bħal dik ikunu mmaterjalizzaw matul il-perijodu li fih l-għajnuna inkwistjoni tħallset" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Din is-silta mis-sentenza tnebbaħni biex nagħmel il-kummenti li ġejjin.

43. L-ewwel nett, il-kwistjoni ma hijiex li jsir magħruf meta l-vantaġġi mmaterjalizzaw imma meta dawn jistgħu jitqiesu li huma definittivament u legalment kkaratterizzati fid-dritt tal-Unjoni, li, fil-fehma tiegħi, jiġri biss mill-mument meta l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni fuq dawn l-effetti.

44. It-tieni nett, kuntrarjament għal dak li tgħid il-Qorti Ġenerali, kompetitur jista' fi kwalunkwe ħin jitlob lil qorti nazzjonali li telimina dawn il-vantaġġi jekk ma kienx hemm notifika. Inċidentalment, J. Andersen seta' juża dan ir-rimedju, pjuttost milli jilmenta b'applikazzjoni "retroattiva" tar-Regolament Nru 1370/2007 u bil-fatt li l-Kummissjoni kienet damet wisq biex tadotta d-deċiżjoni kkontestata. Il-qorti kienet tordna l-irkupru tal-għajnuna u f'dak iż-żmien kienet tapplika r-Regolament Nru 1191/69 dwar il-punt jekk l-eżenzjoni skont il-kategorija kinitx applikabbli.

45. It-tielet nett, hija żbaljata l-idea li l-kompatibbiltà jew l-inkompatibbiltà tal-għajnuna mad-dritt tal-Unjoni tiġi stabbilita b'mod definittiv meta tingħata l-għajnuna u tipproduċi l-effetti tagħha. Minkejja li d-distorsjoni tal-kompetizzjoni hija inerenti fil-kunċett ta' għajnuna, li huwa kunċett oġġettiv (sentenzi Ladbroke Racing vs Il-Kummissjoni, T-67/94, EU:T:1998:7, punt 52 u SIC vs Il-Kummissjoni, T-46/97, EU:T:2000:123, punt 83), jibqa' l-fatt li "l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna, jew ta' skema ta' għajnuna mas-suq komuni taqa' […] taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni, li taġixxi taħt il-kontroll tal-qorti Komunitarja" [traduzzjoni mhux uffiċjali], billi l-ġurisprudenza tirrikonoxxi li l-Kummissjoni għandha setgħa wiesgħa ta' diskrezzjoni biex tagħmel dan (sentenza Unicredito Italiano, C-148/04, EU:C:2005:774, punti 42 u 71). Kif il-kompatibbiltà ta' għajnuna mad-dritt tal-Unjoni ma hijiex stabbilita ħlief bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, taħt il-kontroll tal-qorti tal-Unjoni, is-sitwazzjoni tkun għadha għaddejja fil-mument meta l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni tagħha u kull bidla li jkun hemm fl-ambjent ġuridiku qabel din id-deċiżjoni għandha tiġi kkunsidrata [19].

46. Ir-raba' nett, ma huwiex korrett li jingħad li l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-għoti ta' għajnuna illegali mmaterjalizzaw matul il-perijodu meta kienet tħallset l-għajnuna inkwistjoni. Fil-fatt, kif qal l-Avukat Ġenerali Alber fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawżi magħquda Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni (C-74/00 P u C-75/00 P, EU:C:2002:106, punti 143 u 144), "l-effett ta' għajnuna illegali jibqa' jeżisti sakemm tiġi rrimborsata. Anki jekk il-vantaġġ ma jidhirx iktar direttament fil-bilanċ tal-impriża diversi snin wara l-għoti tal-għajnuna, l-għajnuna tkun saħħet b'mod permanenti s-sitwazzjoni kompetittiva tal-impriża benefiċjarja fir-rigward ta' impriżi oħrajn li ma

17 — Jiġifieri s-sentenzi SIDE vs Il-Kummissjoni (T-348/04, EU:T:2008:109) u L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-3/09, EU:T:2011:27). Ara l-punti 40 u 43 tas-sentenza appellata.

18 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen (C-334/07 P, EU:C:2008:709); Diputación Foral de Vizcaya *et* vs Il-Kummissjoni (C-465/09 P sa C-470/09 P, EU:C:2011:372), kif ukoll id-digriet Cantiere navale De Poli vs Il-Kummissjoni (C-167/11 P, EU:C:2012:164). F'dan ir-rigward, ara l-punti 47 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

19 — Ara V. Di Bucci u A. Stobiecka, *op. cit.*, p. 326.

kisbux sussidju u l-missjoni tal-Kummissjoni ma hijiex li tmur lura għaż-żmien tal-għoti tal-għajnuna u tevalwa biss l-effett prodott dak iż-żmien. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni għandha tipproteġi l-kompetizzjoni attwali, filwaqt li tevalwa l-effett (persistenti) tal-għajnuna fir-rigward tal-kriterji applikabbli fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

47. Fi kwalunkwe każ, naħseb (bħall-Kummissjoni) li l-argumenti li fuqhom tistrieħ is-sentenza SIDE vs Il-Kummissjoni (T-348/04, EU:T:2008:109) u s-sentenza appellata ġew miċħuda kategorikament mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Diputación Foral de Vizcaya *et* vs Il-Kummissjoni (C-465/09 P sa C-470/09 P, EU:C:2011:372), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat fil-punti 125 sa 127 tagħha, l-ewwel nett, li l-applikazzjoni ta' regoli ġodda għal għajnuna illegali ma tikkontemplax sitwazzjoni kweżita qabel, imma sitwazzjoni li għadha għaddejja, u wara li l-applikazzjoni effikaċi tal-politika ta' kompetizzjoni teżiġi li l-Kummissjoni tista' f'kull ħin tadatta l-evalwazzjoni tagħha għall-bżonnijiet ta' din il-politika u, fl-aħħar nett, li Stat Membru li ma jkunx innotifika skema ta' għajnuna lill-Kummissjoni ma jistax jistenna raġonevolment li din l-iskema tiġi evalwata fil-konfront ta' regoli applikabbli fil-mument tal-adozzjoni tagħha.

48. Dan ifisser li l-Kummissjoni għandha d-dritt tapplika regoli ġodda ta' kompatibbiltà meta hija tevalwa għajnuna mħallsa u mhux innotifikata. Filwaqt li l-kawża inkwistjoni kienet tikkonċerna l-legalità ta' regoli tranżitorji stabbiliti fil-linji gwida adottati mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċitat, b'appoġġ għar-raġunament tagħha, is-sentenza Pokrzeptowicz-Meyer (C-162/00, EU:C:2002:57), li kienet tirrigwarda dispożizzjonijiet leġiżlattivi u dan, fil-fehma tiegħi, iġib fix-xejn it-tentattiv tal-Qorti Ġenerali fil-punt 55 tas-sentenza appellata li tiżola s-sentenza Diputación Foral de Vizcaya *et* vs Il-Kummissjoni (C-465/09 P sa C-470/09 P, EU:C:2011:372), għaliex kienet tirrigwarda biss l-applikabbiltà tal-linji gwida.

49. L-istess argumenti japplikaw *mutatis mutandis* għas-sentenza l-oħra li fuqha tistrieħ, fil-punt 40 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, jiġifieri s-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-3/09, EU:T:2011:27) [20]. Din l-aħħar sentenza li kienet tirrigwarda għajnuna nnotifikata, tonqos milli tikkunsidra, bħas-sentenza SIDE vs Il-Kummissjoni (T-348/04, EU:T:2008:109), fattur deċiżiv, li indikat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen (C-334/07 P, EU:C:2008:709) u Diputación Foral de Vizcaya *et* vs Il-Kummissjoni (C-465/09 P sa C-470/09 P, EU:C:2011:372) jekk l-għajnuna kinitx ġiet innotifikata jew le, jiġifieri li s-sitwazzjoni marbuta ma' din l-għajnuna ma kellhiex titqies li hija definittiva sakemm il-Kummissjoni ma kinitx ħadet id-deċiżjoni tagħha fuq il-kompatibbiltà mas-suq intern — kif ukoll sakemm din id-deċiżjoni ma kinitx saret definittiva (sentenza Spanja vs Il-Kummissjoni, C-169/95, EU:C:1997:10, punt 53).

50. Fir-rigward tal-argument ta' J. Andersen dwar li għandu dritt għaċ-ċertezza legali u għalhekk li jkun jaf liema liġi tapplika għall-għajnuna li l-kompetitur tiegħu rċieva, biżżejjed wieħed ifakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma hemmx protezzjoni fil-konfront ta' bidla fir-regoli u għalhekk ta' regoli ġodda li japplikaw għal sitwazzjonijiet li jkomplu jeżistu (ara l-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet).

e) Konklużjoni

51. Fil-qosor, is-sitwazzjoni marbuta ma' għajnuna, innotifikata jew le, ma tistax titqies li hija definittiva sakemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq il-kompatibbiltà tal-għajnuna ma tkunx għadha definittiva.

20 — Għandu jiġi nnotat, għall-finijiet ta' dan l-appell, li din is-sentenza hija essenzjalment identika għas-sentenza Cantiere navale De Poli vs Il-Kummissjoni (T-584/08, EU:T:2011:26). Dawn iż-żewġ sentenzi kienu s-suġġett ta' appell li wassal għad-digrieti Cantiere navale De Poli vs Il-Kummissjoni (C-167/11 P, EU:C:2012:164) u L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-200/11 P, EU:C:2012:165).

52. Fil-fatt, l-ewwel nett, l-irkupru jista' jiġi ordnat sa dak il-mument kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-qorti nazzjonali.

53. Imbagħad, Stat Membru li jaġixxi bi ksur tal-obbligi ta' notifika u ta' sospensjoni imposti mill-Artikolu 108(3) TFUE, ma jistax jiġi ttrattat b'mod iktar favorevoli minn Stat Membru li josserva dawn l-obbligi. Fil-fatt, "a breach of the standstill obligation may not lead to a better position with respect to cases that were notified to the Commission in a legally compliant manner" [21].

54. Fl-aħħar nett, huwa ċar li ma fadalx lok biex il-benefiċjarju jiġi protett minn għajnuna illegali kontra bidla tar-regoli sostantivi applikabbli għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mill-Kummissjoni.

55. Isegwi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta' laqgħet it-tielet motiv ta' J. Andersen u meta ddeċidiet li l-kompatibbiltà ta' għajnuna mhux innotifikata mas-suq intern kellha tiġi evalwata fid-dawl ta' regoli fis-seħħ fil-mument tal-għoti tagħha u li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata. Il-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk, għandha tiċħad hija stess bħala infondat dan it-tielet motiv invokat fl-ewwel istanza.

56. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni motivi invokati fl-ewwel istanza (ara l-punti 20 sa 21 tas-sentenza appellata), dawn tal-aħħar ma humiex fi stat li jiġu deċiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, għaliex l-eżami tagħhom jeżiġi li tiġi vverifikata l-fondatezza tal-evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi magħmulin mill-Kummissjoni, u hija l-Qorti Ġenerali li għandha tara dan.

B – *Fuq l-appelli inċidentali ta' DSB u tar-Renju tad-Danimarka*

57. Dawn iż-żewġ appelli inċidentali essenzjalment iqajmu l-istess kwistjoni u jidħlu f'xulxin b'mod li għandhom jiġu eżaminati flimkien.

1. Sintesi tal-argumenti tal-partijiet

58. DSB tinvoka aggravju wieħed, jiġifieri li l-applikazzjoni potenzjalment żbaljata tar-Regolament Nru 1370/2007 mill-Kummissjoni ma għandu jkollha l-ebda effett fuq il-validità tad-deċiżjoni kkontestata għaliex l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1191/69 ma kinitx twassal lill-Kummissjoni għal konklużjoni differenti dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni.

59. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Daniż jikkunsidra li, fil-punt 50 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata meta kkunsidrat li l-evalwazzjoni tal-għajnuna inkwistjoni kienet saret biss fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1370/2007. Huwa jressaq argument li essenzjalment huwa identiku għal dak ta' DSB.

60. Fuq il-bażi ta' qari flimkien tad-deċiżjoni kkontestata u d-deċiżjoni ta' ftuħ, DSB tenfasizza li, skont ġurisprudenza stabbilita, deċiżjoni tkun biżżejjed immotivata meta din tirreferi għal dokument li jkun diġà qiegħed fil-pussess tad-destinatarju, u li jkun fih l-elementi li fuqhom l-istituzzjoni tibbaża d-deċiżjoni tagħha (sentenza Bundesverband deutscher Banken vs Il-Kummissjoni, T-36/06, EU:T:2010:61, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 — Ara J. Lipinsky, *op. cit.*

61. Dejjem skont DSB, il-Qorti Ġenerali kienet obbligata li tiddeċiedi jekk kinux ġusti l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1191/69 li fuqu qagħdet il-Kummissjoni u l-konklużjonijiet li saru minn dik l-interpretazzjoni. F'dak ir-rigward, DSB tfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, żball ta' liġi ma jiġġustifikax l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata meta, fin-nuqqas tal-iżball imwettaq, il-Kummissjoni xorta kienet tadotta l-istess deċiżjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni, C-74/00 P u C-75/00 P, EU:C:2002:524, punt 122).

62. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Daniż isostni li l-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tal-Unjoni meta, fil-punt 58 tas-sentenza appellata, ċaħdet l-argumenti tiegħu li riedu juru li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1370/2007 kienet tikkostitwixxi irregolarità ta' forma li ma kinitx ta' natura li jkollha effett fuq il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata.

63. Fl-aħħar nett, il-Gvern Daniż huwa tal-fehma li l-kawża qiegħda fi stat li tiġi deċiża billi l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li d-deċiżjoni kkontestata ma setgħetx tiġi annullata minħabba l-fatt li l-Kummissjoni bbażatha fuq ir-Regolament Nru 1370/2007, peress li l-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta bis-saħħa tar-Regolament Nru 1191/69, il-kumpens fil-kuntest tal-kuntratti ta' trasport pubbliku huma identiċi jew inqas stretti mill-kundizzjonijiet meħtieġa mir-Regolament Nru 1370/2007.

64. Il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, l-argumenti ta' DSB, bl-eċċezzjoni ta' dawk miġjuba fil-qosor fil-punt 61 ta' dawn il-konklużjonijiet, għaliex hija tqis li d-deċiżjoni kkontestata fiha analiżi tal-għajnuna kkontestata fid-dawl taż-żewġ regolamenti.

2. Analiżi

65. L-appelli inċidentali jagħmlu l-mistoqsija jekk il-Kummissjoni bbażatx id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata fuq eżami tal-għajnuna kkontestata fid-dawl tar-Regolament Nru 1370/2007 biss jew ukoll tar-Regolament Nru 1191/69.

66. Skont J. Andersen, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni għamlet l-eżami tagħha fuq il-bażi biss tar-Regolament Nru 1370/2007 tirriżulta mill-premessi 307, 314, 397 u 398 tad-deċiżjoni kkontestata u hija kwistjoni ta' fatt li ma tistax tkun is-suġġett tal-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

67. Jiena ma nistax insegwi dan l-argument għaliex l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata hija b'mod ċar kwistjoni legali, Għaldaqstant, jirriżulta minn qari tal-premessi 304, 307, 314 u 397 ta' dik id-deċiżjoni, li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet ġustament li, f'dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kienet applikat esklużivament ir-Regolament Nru 1370/2007.

68. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament li l-premessa 398 tad-deċiżjoni kkontestata (li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1191/69 ma kinitx twassal għal konklużjoni differenti) ma hijiex biżżejjed biex wieħed jikkonkludi li l-Kummissjoni kienet ibbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq iż-żewġ regolamenti, u iżjed u iżjed li qabel il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni ma kien hemm l-ebda eżami fid-dawl ta' dak ir-regolament.

69. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stess tirrikonoxxi f'dik il-premessa li r-regoli sostantivi tar-Regolament Nru 1191/69 "huma sostanzjalment simili" għal dawk tar-Regolament Nru 1370/2007.

70. Kif irrileva J. Andersen, is-sentenzi invokati minn DSB ma jippermettux li wieħed jasal għal riżultat differenti. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 75 tas-sentenza González y Díez vs Il-Kummissjoni (T-25/04, EU:T:2007:257), li d-dispożizzjonijiet sostantivi inkwistjoni kienu "identiċi", li ma huwiex il-każ fil-kawża tal-lum. Fir-rigward tas-sentenza Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni (T-30/01 sa T-32/01 u T-86/02 sa T-88/02, EU:T:2009:314), biżżejjed li wieħed jikkonstata li l-Qorti Ġenerali enfasizzat fil-punt 221, li l-għajnuna inkwistjoni kienet għajnuna għall-funzjonament, li ma

setgħetx tiġi ddikjarata kompatibbli fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE indipendentement mil-linji gwida applikabbli. Fir-rigward tas-sentenza CMA CGM *et* vs Il-Kummissjoni (T-213/00, EU:T:2003:76), ma kienx hemm għajnuna mill-Istat, imma akkordju li fi kwalunkwe każ kien jikser l-Artikolu 101(1) TFUE.

71. Ir-riferiment għad-deċiżjoni ta' ftuħ ma jibdel xejn billi l-Kummissjoni kull ma tagħmel huwa li tesponi l-argument tal-partijiet u tirrileva li hija għandha dubji dwar il-fondatezza ta' dak imressaq minn DSB u l-Gvern Daniż. Għaldaqstant, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali invokata minn DSB fil-punt 60 ta' dawn il-konklużjonijiet ma hijiex rilevanti.

72. Sabiex tiġi kkonfermata l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1191/69 ma kinitx twassal għal konklużjoni differenti minn dik meħuda fid-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali kellha tagħmel l-evalwazzjoni tagħha stess tal-għajnuna kkontestata fid-dawl ta' dak ir-regolament, ħaġa li ma hijiex fil-kompetenza tagħha fil-kuntest ta' rikors għal annullament.

73. Għalhekk minn dak li ntqal isegwi li l-appelli inċidentali ta' DSB u tar-Renju tad-Danimarka għandhom jiġu miċħuda.

V – **Konklużjoni**

74. Fir-rigward ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea Andersen vs Il-Kummissjoni (T-92/11, EU:T:2013:143);

— tiddikjara t-tielet motiv invokat fl-ewwel istanza bħala infondat u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-eżami tal-ewwel u t-tielet motivi fl-ewwel istanza;

— li tiċħad l-appelli inċidentali ta' Danske Stasbaner (DSB) u tar-Renju tad-Danimarka;

— li tirriżerva l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.